**31 ta' Jannar, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Henry Jones

**Traffiku — "Overtaking" — Sinjali — G.N.454/1956.**

*Jekk persuna li tkun qegħdha ssuq karrozza tasal f'post fejn hemm sinjal tal-"overtaking prohibited", ma tistgħax "marte proprio" taqla' barra biex taqbeż karrozzi oħra li jkollha quddiemha. Jekk kien hemm xi inċident tat-traffiku, dak id-driver għandu jistenna sakemm jingħata lilu xi sinjal ieħor mill-Pulizija tat-Traffiku, u b'dak is-sinjal ikun in regola. Sakemm ma jingħatax lilu sinjal divers, hu għandu jobdi s-sinjal li jipprojbixxi l-"overtaking"; aktar u aktar jekk għandu quddiemu l-eżempju ta' karrozzi oħra.*

*Il-liġi ma teżiġix intenzjoni doluża sabiex tintegra dan ir-reat, imma biss inosservanza, anki jekk din għal sempliċi nkurja, purkè ma tkunx dovuta għal xi "vis major". It-trasgressjoni ta' dak id-"duty", jekk tkun volontarja fis-sens li ma tkunx l-effett ta' forza maġġuri, hi biżżejjed.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli l-Imsida, fil-11 ta' Novembru 1958, f'xi l-5 p.m., waqt li kien isuq car 540, qabeż vettura oħra fejn kien hemm sinjali ta' traffiku li jindikaw li ma tistgħax taqbeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Novembru 1958, li biha sabitu ħati u kkundannatu 5s. ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma hux kontrastat li fil-lokalità nvoluta f'din il-kawża kien hemm sinjal "overtaking prohibited", li hu wieħed mit-"traffic signs" li dwarhom saret promulgazzjoni uffiċjali bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 454 tat-30 ta' Lulju 1956. Dan is-sinjal hu fost dawk li jissejħu "regulatory signals", u qiegħed fis-sezzjoni II, B, (v);

Lanqas hu kontrastat li fil-fatt l-appellant, li kien qiegħed isuq, qabeż, jew almenu qala' barra biex jaqbeż karrozza, meta ġie miżmum mil-Kuntistabbli Attard;

Dan il-kuntistabbli jgħid li kien hemm tmien karrozzi weqfin dak il-ħin minħabba xi ħsara li kienet ġrat lil karrozza oħra, u l-imputat qala' biex jaqbeż, u fil-fatt laħaq ġie għall-ewwel waħda;

L-imputat jgħid li kien hemm biss char-a-banc u tliet "touring-cars", imma li hu ma kienx jaf b'dawn it-tlieta qabel ma qala' barra biex jaqbeż ix-char-a-banc. Dan kien wieqaf, u għalhekk l-imputat għall-ewwel waqaf warajh, u mbgħad, x'ħin għaddiet xi minuta, qala' l-barra biex jaqbżu;

Verament, mnejn kien ġej l-imputat, ċjoè mir-"roundabout" tal-Imsida u dieħel ġo Rue D'Argens fil-bidu tagħha, seta' jara l-karrozzi l-oħra, għax il-viżwali, sa dak il-ħin, ma setgħetx kienet ostruwita bix-char-a-banc sal-pont li hu ma jarax il-karrozzi l-oħra, kienu tlieta jew kienu tmienja b'kollox;

Issa, anki jekk ix-char-a-banc kien wieqaf, l-imputat, ladarba hemm is-sinjal tal-"overtaking prohibited", ma messux "marte proprio" qala' l-barra biex jaqbeż. Jekk kien hemm xi inċident tat-traffiku, kellu jistenna sakemm jingħata lilu mill-pulizija tat-traffiku xi sinjal ieħor, u b'dak is-sinjal l-ieħor kien ikun għar-regola. Sakemm ma ngħatax lilu sinjal divers, hu kellu jobdi s-sinjal li kien jipprojbixxi l-"overtaking"; molto più li kellu quddiemu l-eżempju tal-karrozzi l-oħra. Il-liġi ma teżiġix xi intenzjoni doluża sabiex tintegra r-reat, imma biss inosservanza, anki jekk din tkun per sempliċi nkurja, purkè ma tkunx min-

habba "vis major". Infatti, il-liġi fir-reg. (1) tat-"Traffic Signs Regulations" fuq imsemmija tgħid biss:— "...... every person driving or in control of any vehicle shall conform to the indication conveyed by the sign......";

It-trasgressjoni ta' dak id-"duty", jekk tkun volontarja, fis-sens li ma tkunx l-effett ta' forza maġġuri, hi biżżejjed;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.